MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Numru. 118/2007

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Fiona Cassar, bint John, imwieleda Pieta' fit-30 ta' Settembru, 1982, Karta ta' l-Identita numru 527882(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
1. talli f'dawn il-Gżejjer, f'xi perjodu bejn april, 2006 u lulju, 2006, xjentement għamlet użu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, falza;
2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlet diokjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;

3.  talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputata bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputata.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fix-xahar ta' Novembru, 2006 l-ADT kienet irċeviet informazzjoni anonima li kien qed isir abbuż fil-ħruġ ġewwa t-Testing Centre ta' Gwardamangia. Hemmhekk, persuna li ried ikollu liċenzja ta' sewqan kellha tagħmel eżami tat-teorija f'dan iċ-ċentru u wara li tgħaddi minn dan l-eżami tagħmel l-eżami prattiku. Din l-informazzjoni fil-fatt kienet ġiet verifikata u il-pulizija ressqu l-Qorti diversi persuni akkużati li kienu qed iwettqu dan l-abbuż.
L-ewwel investigazzjoni kienet dwar il-fatt jekk iċ-ċertifikati tat-teorija kienu qed jiġu rilaxxati abusivament. Iżda wara rrizulta li tali ċertifikati ma kienux qed jiġu maħruġa mill-ADT.

Illi fil-kors ta' dawn l-investigazzjonijiet irrizulta li kien qed problema biċ-ċertifikat tat-teorija ta' l-imputata.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li tali ċertifikat fl-oriġinali tiegħu għandu jkun ta' lewn isfar, il-letterhead għandu jkun bil-kulur u b'firma oriġinali. Fil-fatt iċ-ċertifikat li ġie prezentat biex l-imputata setgħet tagħmel l-eżami prattiku kien ta' kulur abjad, il-letterhead hi fotokopja mhux bil-kulur u il-firma fuq dan id-dokument hi fotokopja. Ma hemm ebda dubju li dan hu dokument falz li seta' jiġi

utilizzat biss għaliex xi ħadd li kien jieħu ħsieb it-tħejjija tal-eżami prattiku kien jaf bil-falsita' ta' dan l-istess dokument.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata kienet għamlet darbtejn l-eżami tat-teorija u darbtejn weħlet. F'dak il-perjodu hi kellha 'instructor' partikolari iżda wara li weħlet bdiet tmur għand instructor ieħor. L-imputata qalet lill-'instructor' il-ġdid, Richard Attard, li hi kienet weħlet u Richard Attard min-naħa tiegħu qalla li ser jara x'jista' jagħmel.

Illi jirrizulta li dan Richard Attard kellem lil Salvatore Abela dwar dan. Fil-fatt, Salvatore Abela qabbad lit-tifla tiegħu Larissa Abela biex tipprepara ċertifikat li jindika li l-imputata għaddiet mit-test tat-teorija. Kemm SalvatoreAbela, kif ukoll Larissa Abela, qatt ma ltaqgħu ma l-imputata iżda jirrizulta bla ebda dubju li keinu huma li fornew lil Richard Attard b'tali ċertifikat.

Illi l-imputata xehdet li qatt ma rat id-dokument falz in kwistjoni u ma tafx minn fejn ġie. Mhemmx dubju li l-imputata qed tgħid il-verita' iżda mill-istqarrija tagħha kif ukoll mix-xhieda tagħha joħroġ ċar li hi kienet taf jew setgħet tobsor li nħareġ ċertifikat mhux kif suppost. Fuq kollox, l-imputata marret l-iskola u taf ben tajjeb li wara kull eżami jrid jinħareġ ċertifikat. Mhemmx dubju li kienet taf perfettament x'ġara u ma kien hemm ebda ħtieġa li jsiru mistoqsiet żejda.

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta li l-prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 184, 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------